MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 376/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**

**George Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Marzu, 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,
1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel

klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 183, 187(1) u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hat ital-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' erbgha (4) snin.
Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn in forza ta' l-istess sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kontra tieghu w tirrevokaha fejn permezz ta' l-istess kien gie kkundannat ghal tmintax il-xahar prigunerija sospiz ghal perjodu ta' erba' snin u minflok timponi piena iktar idonea ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-appellant kien accetta l-akkuzi kif dedotti peress li kien kostrett mic-cirkostanzi minhabba l-agir ta' missieru li kien qed jirrikattah u ried jipprofitta ruhu a spejjez ta' ibnu l-appellant; Li l-ufficjal prosekutur kien apprezza sew il-pozizzjoni tal-appellant fit-trattazzjoni tieghu; li l-appellant kien ikko-opera sew mall-Pulizija, u

dan l-Ewwel Qorti fehemitu sew; li l-fedina penali tal-appellant tirriferi ghall-affarijiet li saru zmien ilu w li, jekk hemm xi haga recenti, din hija insinifikanti u li l-appellant ma stenniex li jkollu sentenza f' dan ir-rigward imposta fuqu w stenna piena aktar ekwa.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx fid-diskrezzjoni li tkun adoperat l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena sakemm din ma tohrogx barra mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament sproporzjonata jew esagerata. (ara fost ohrajn **: "Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et."** [2.10.2002], **"Il-Pulizija vs. Maurizio Massimiliano**" [13.11.2003], **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999], "**Ir-Republika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003], **"Ir-Republika ta' Malta vs. Johan Sultana et**" [26.1.2007] u ohrajn.

Illi di piu' hu odjuz li wara li l-hati jammetti w allura jkun halla f'idejn il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena, umbaghad, meta din ma toghogbux, jintavola appell minnha. Dan ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza ta' **Johan Sultana et.** appena citata : *"Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta' tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar il-piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux fl-ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienetx eccessiva jew le."*

Fil-kaz in ezami l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija decizament entro l-parametri tal-ligi ghaliex skond l-artikolu 183 attinenti ghall-ewwel imputazzjoni hija ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa erba snin u skond l-artikolu 187, attinenti ghat-tieni imputazzjoni, l-piena hija dik ta' prigunerija minn seba xhur sa tlitt snin u dik skond l-

artikolu 189 li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni hi ta' minn seba xhur sa sena. Jekk umbaghad, trattandosi ta' reati kontinwati, l-piena tizdied b' zewg gradi jew bi grad kif jiddisponi l-art. 18 tal-Kodici Kriminali, hu ovvju li l-piena massima tizdied ferm aktar minn hekk.

Illi l-aggravji fuq riprodotti jidhru li gew kollha indirizzati espressament mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u kienu proprju dawn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tapplika l-provvediment tas-sentenza ta' prigunerija sospiza, nonostanti il-fedina penali *"kemm xejn refrattarja"* li kkonstatat dik il-Qorti.

Di fatti, kif jirrizulta mill-fedina penali tal-appellant, din hi altru milli "kemm xejn refrattarja." Hu ghandu mhux inqas minn wiehed u hamsin (51) kundanna mill-Qrati. Dawn ivarjaw minn kazijiet ta'  ragion fattasi, swat ta' bus dispatcher, offizi ta' natura hafifa fuq ufficjal tal-pulizija, glied, storbju, w dagha sa ruxxmata kundanni ghal reati tat-traffiku.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Ewwel Qorti zgur li ma esageratx meta, minkejja li applikat il-piena karcerarja, applikata ferm aktar vicin il-minimu possibbli w b' mod li tkun sospiza ghal erba snin. Ghalhekk din il-Qorti tara li ma hemmx raguni ghaliex tindahal fid-diskrezzjoni li uzat l-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------